



30.1.2015

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Pettizzjoni Nru 2479/2013 imressqa minn Rafael Navarro Garcia, ta' ċittadinanza Spanjola, dwar il-Liġi tax-Xatt (Ley de Costas) ta' Spanja

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant qiegħed ifittex l-għajjnuna tal-PE rigward każ ta' proprjetà konfiskata mibnija legalment u u skont il-liġi, mingħajr ebda kumpens. Huwa jenfasizza li l-proprjetà tiegħu kienet soġġetta għal konfiska minħabba l-applikazzjoni retroattiva tal-liġi (Il-Liġi 22/1988 u l-Att 2/2013 li jemendaha) li huwa jqis bħala mhux demokratika u mhux leċita. Huwa jemmen li d-drittijiet bażiċi tiegħu, bħad-dritt għall-proprjetà, iċ-ċertezza ġuridika kif ukoll in-nondiskriminazzjoni jeħtieġ jiġu garantiti f'pajjiż demokratiku bħal tiegħu. Huwa jagħti ħarsa ġenerali kronoloġika tal-każ personali tiegħu li wassal għall-konfiska.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-23 ta' Ottubru 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

Il-Kummissjoni Ewropea hija konxja dwar id-diffikultajiet li qed iħabbtu wiċċhom magħhom xi ċittadini Ewropej fi Spanja b'riżultat tal-applikazzjoni tal-Liġi tax-Xatt Spanjola (Ley de Costas).

Kif ġie indikat diġà b'rispons għal petizzjonijiet oħra dwar espropazzjonijiet taħt il-Liġi tax-Xatt Spanjola, mhemmx kompetenza tal-UE fi kwistjonijiet tal-liġi tal-proprjetà, għaldaqstant il-Kummissjoni mhix f'pożizzjoni li tistudja l-kompatibilità tad-dispożizzjonijiet tal-espropazzjoni taħt il-Liġi tax-Xatt u d-dritt tal-UE: il-Kummissjoni lanqas ma tista'

tikkummenta dwar il-kompatibilità tagħhom mal-Liġi Kostituzzjonali Spanjola. In-nuqqas ta' kompetenza tal-UE f'dan il-qasam ġie enfasizzat għal darb'oħra fi tweġiba għall-mistoqsijiet bil-miktub E-011695/2012 u E-000407/2013.

Fit-13 ta' Lulju 2012 il-gvern Spanjol adotta abbozz ta' liġi preliminari biex jimmodifika l-Liġi tax-Xatt.¹ Il-Kummissjoni ltaqgħet mar-rappreżentanti mill-Ministeru għall-Ambjent ta' Spanja u laqgħet pożittivament l-intenzjoni li tittejjeb iċ-ċertezza legali għas-sidien ta' proprjetà max-xatt ta' Spanja.²

Il-Gvern Spanjol ippreżenta abbozz ta' liġi biex jemenda l-Liġi tax-Xatt tal-1988 fil-5 ta' Ottubru 2012. Il-Liġi l-ġdida ġiet adottata mill-Parlament fid-29 ta' Mejju 2013. Din il-liġi l-ġdida testendi l-perjodu tal-konċessjoni eżistenti biex is-sidien igawdu l-proprjetajiet mibnija fiż-żona protetta minn 30 sena għal 75 sena. Barra minn hekk, l-amministrazzjoni pubblika se tkun obligata tirreġistra l-linja ta' demarkazzjoni definittiva u proviżorja fir-reġistru tal-proprjetà, sabiex ix-xerrejja jkunu jafu aħjar jekk il-proprjetà hijiex f'żona protetta u l-lok preċiż u d-daqs ta' din iż-żona. Madankollu, il-liġi l-ġdida ma tindroduċi l-ebda kumpens finanzjarju għas-sidien ta' proprjetà milquta mil-liġi.

Konklużjoni

Kif indikat diġà, il-Kummissjoni tista' tintervjeni biss f'ċirkustanzi fejn kien hemm allegat ksur tal-liġi tal-Unjoni Ewropea. F'dan il-każ, mhijiex fil-kompetenza tal-UE li ssegwi din il-kwistjoni.

Il-mistoqsija dwar jekk il-forma ta' kumpens offruta mill-awtoritajiet Spanjoli hijiex konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għandha tiġi eżaminata mill-qrati nazzjonali u, wara li jkunu ġew eżawriti r-rimedji legali domestiċi kollha, mill-Qorti nnifisha. Il-Kummissjoni tifhem li tressqu azzjonijiet quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kontra din il-liġi.

Jekk il-petizzjonant iqis li nkisru xi drittijiet tal-bniedem tiegħu, hu jista' jressaq l-ilment tiegħu quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa (Kunsill tal-Ewropa, 67075 Strasbourg-Cedex, Franza). Madankollu, il-Qorti ma tistax tindirizza kwistjoni qabel ma jkunu eżawriti l-possibilitajiet domestiċi kollha.

¹ "Proyecto de Ley de Protección y Uso Sostenible del Litoral y de modificación de la Ley de Costas", HYPERLINK "<http://www.magrama.gob.es/es/costas/temas/anteproyecto.aspx>"
<http://www.magrama.gob.es/es/costas/temas/anteproyecto.aspx>.

² HYPERLINK "http://europa.eu/rapid/press-release_IP-12-880_mt.htm"
http://europa.eu/rapid/press-release_IP-12-880_mt.htm.